MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta ta' l-24 ta' April, 2014

Citazzjoni Numru. 111/2014

**Quintano Foods Limited (C33660)**

***kontra***

**Joe Vella (I.D. Nru 329254M)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fis-6 ta` Frar 2014 li jaqra hekk–

*1. Illi s-socjeta` rikorrenti, fil-kors tan-negozju taghha u fuq ordni tal-intimat, bieghet u kkonsenjat lill-intimat merkanzija konsistenti fi prodotti li jirrikjedu 'refrigeration', u bieghet u kkonsenjat ukoll lill-istess intimat merkanzija konsistenti fi 'dry foods' ;*

*2. Illi ghall-istess merkanzija li s-socjeta` rikorrenti bieghet u kkonsenjat lill-intimat, l-intimat hallas biss in parte. Illi l-bilanc rimanenti ghall-prodotti konsistenti fi prodotti u jirrikjedu 'refrigeration' huwa dak ta` disat elef erba` mija sitta u hamsin Euro u sitta u tletin centezmu (€9,456.36), mentri l-bilanc ghad-'dry foods' huwa dak ta` hdax-il elf mitejn u sebgha u disghin Euro u tnejn u disghin centezmu (€11,297.92), u dan hekk kif jirrizulta mill-istatements hawn annessi u mmarkati bhala Dok. QF1 u QF2 rispettivament.*

*3. Illi l-ammont totali ta` ghoxrin elf, seba` mija u erbgha u hamsin Euro u tmienja u ghoxrin centezmu (€20,754.28) ghadu dovut sal-lum.*

*4. Illi ghalhekk l-intimat ghandu jhallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma totali ta` ghoxrin elf, seba` mija u erbgha u hamsin Euro u tmienja u ghoxrin centezmu (€20,754.28).*

*5. Illi l-ammont dovut favur is-socjeta` rikorrenti huwa cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tal-istess socjeta` rikorrenti jikkonkorru l-elementi kollha taht l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta), peress li fil-fehma tas-socjeta` rikorrenti l-intimat*

*m`ghandu l-ebda eccezzjoni valida skont il-ligi xi jressaq kontra t-talbiet rikorrenti.*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, jghid l-intimat, ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna :*

*1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh, ghall-finijiet tal-tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta).*

*2. Tiddikjara li l-intimat ghandu jaghti lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta` ghoxrin elf, seba` mija u erbgha u hamsin Euro u tmienja u ghoxrin centezmu (€20,754.28), u dan oltre l-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha.*

*3. Tikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta` ghoxrin elf, seba` mija u erbgha u hamsin Euro u tmienja u ghoxrin centezmu (€20,754.28) u dana oltre l-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha.*

*Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali bin-numru 3490/13 u tal-mandat ta` sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment mar-rikors guramentat odjern, u bl-imghaxijiet kummercjali dekorribbli sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha kontra l-istess intimat, li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda li kienu ndikati mill-kumpannija attrici.

Rat id-dokumenti li kienu annessi mar-rikors guramentat.

Rat id-digriet taghha tal-14 ta` Frar 2014 fejn appuntat il-kawza ghas-smigh ghas-seduta tal-4 ta` Marzu 2014 fid-09:00am.

Rat illi l-konvenut kien debitament notifikat skont il-ligi bir-rikors guramentat u bl-avviz ta` smigh tal-kawza.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-3 ta` April 2014 fejn billi ma kienx sodisfatt il-vot tal-Art. 169 tal-Kap. 12, il-Qorti ddikjara li kienet sejra tkompli tqis il-kawza bil-procediment ordinarju u mhux aktar bil-procedura sommarja specjali.

Rat illi l-konvenut baqa` ma pprezentax risposta guramentata.

Rat illi l-konvenut baqa` ma deherx ghall-udjenzi ta` wara n-notifika tieghu, inkluza l-udjenza tal-lum.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum.

Rat in-nota li l-kumpannija attrici pprezentat illum, fejn irriduciet it-talba taghha ghall-ammont ta` ghoxrin elf, seba` mija u tnejn Euro u zewg centezmi (€20,702.02).

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet attrici dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw ippruvati.

**Ghaldaqstant, fil-kontumacja tal-konvenut, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :**

**(1) Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba ;**

**(2) Tilqa` t-tieni talba. Tiddikjara li l-konvenut huwa debitur tal-attur fis-somma kif ridotta ta` ghoxrin elf, seba` mija u tnejn Euro u zewg centezmi (€20,702.02) bl-imghax kif mitlub.**

**(3) Tilqa` t-tielet talba. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma kif ridotta ta` ghoxrin elf, seba` mija u tnejn Euro u zewg centezmi (€20,702.02), bl-imghax kif mitlub.**

**(4) Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza, komprizi dawk tal-ittra ufficjali Nru 3490/2013 u dawk tal-Mandat ta` Sekwestru Kawtelatorju prezentat kontestwalment mar-rikors guramentat.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------